



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2021  
(OR. en)

12260/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0221 (NLE)**

---

**MAMA 152**  
**MED 41**  
**EG 4**

**ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Abbozz ta' RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI  
UE-EĠITTU li tapprova l-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija  
UE-Eġittu

---

ABBOZZ

**RAKKOMANDAZZJONI Nru .../2021  
TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-EĠITTU**

**ta' ...**

**li tapprova l-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-EĠITTU,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004.
- (2) Skont l-Artikolu 76 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) L-Artikolu 86 tal-Ftehim jipprovdi li l-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u jaraw li jinkisbu l-objettivi stipulati fil-Ftehim.
- (4) Fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-25 ta' Lulju 2017, l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu qablu dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija, kif stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill Assoċjazzjoni<sup>2</sup> biex jiggwidaw is-sħubija għall-perijodu 2017-2020.

---

<sup>1</sup> ĠU UE L 304, 30.09.2004, p. 34.

<sup>2</sup> Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu tal-25 ta' Lulju 2017 dwar qbil dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu (ĠU UE L 255, 3.10.2017, p. 26).

- (5) Wara ittra mill-Unjoni Ewropea, iż-żewġ Partijiet qablu li jenħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm jiġu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda.
- (6) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati rakkomandazzjonijiet permezz tal-proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

*Artikolu 1*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li jaġixxi permezz tal-proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu adottati fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu fil-25 ta' Lulju 2017 tiġi estiża sakemm jiġu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 2*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*UE-Eġittu*

*Il-President*

---